MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### TONIO MALLIA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1221/2003

**UNIQUE TRAVEL LIMITED**

vs

**JOSEPH CARUANA SMITH**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ippremettiet li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' dsatax il-elf erba' mija u disa' Liri Maltin u disghin centezmu (Lm19,409.90) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' biljetti tal-ajru debitament mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta' attrici u dan kif jirrizulta mill-istatement anness mmarkat bhala Dok A;

Ippremettiet li l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan l-ammont izda huwa baqa inadempjenti;

Ippremettiet li jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ghall-hlas tal-istess dejn u s-socjeta' attrici qieghda tannetti affidavit ma' dan l-att skond l-Artikoli fuq imsemmija (Dok B);

Talbet ghalhekk is-socjeta' attrici biex  il-konvenut ghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-Artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' dsatax il-elf erba' mija u disa' Liri Maltin u disghin centezmu (Lm19,409.90) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' biljetti tal-ajru mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut.

Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenut li min issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notfikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------